# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' April, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 103/2008/2 JZM**

**Edwin Zammit u Josephine Zammit għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Saviour Casha, Carmel Micallef, Giorgio Micallef, John Micallef, Emilia Micallef, Victor Micallef, Philip Micallef, Nathalie Barbara, Anton Camilleri, Mary Micallef, Maria Stella D'Amato u Joseph Oliver Ruggier**

**<u>Provvediment dwar deżerzjoni ta' appell.</u>**

1. Il-fatti rilevanti għal dan il-provvediment huma dawn:

i. Fis-6 ta' Mejju 2020 il-konvenuti Saviour Casha, John Micallef, Victor Micallef u Maria Stella d'Amato appellaw mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-27 ta' Frar 2020.

ii. Fir-rikors tal-appell kull wieħed mill-appellanti ta indirizz separat, pero` fil-folder relattiv għar-rikors tal-appell inkiteb *"Appellanti: Saviour Casha et, Car Rentals Ltd, Fliegu Str., San Pawl il-Baħar"*. Folder li jiġi ppreżentat flimkien mar-rikors tal-appell.

iii. Wara rikors tal-atturi appellati tas-17 ta' Novembru 2020, din il-Qorti tat digriet (11 ta' Jannar 2021) li bih appuntat l-appell għas-smigħ għas-seduta tal-15 ta' Frar 2021.

iv. Skont riferta tal-uffiċjal eżekuttiv, fid-29 ta' Jannar 2021 l-avviż ta' smigħ u kawtela kien notifikat lil *'Saviour Casha et'* fl-indirizz mogħti fuq il-folder fuq imsemmi.

v. B'rikors preżentat fit-2 ta' Frar 2021 l-appellant Saviour Casha iddikjara li hemm kawża ta' ritassa fir-rigward tat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur b'referenza għas-sentenza li tat l-ewwel Qorti. Il-proċeduri fl-ismijiet <u>Edwin Zammit et v. Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunal et</u>, Rikors 504/2020) ippreżentati mill-konjuġi Żammit fis-26 ta' Ġunju 2020. Għalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tħassar id-digriet tal-11 ta' Jannar 2021 u l-appell jiġi appuntat biss wara li jkun hemm eżitu finali tal-proċeduri ta' ritassa. Casha ibbaża t-talba fuq l-argument li l-proċeduri ta' ritassa *".... jistgħu*

*jinċidu fuq l-ammont ta' kawtela li jkollha titħallas mill-esponenti fil-proċeduri odjerni"*.

vi. Fl-ewwel jum appuntat għas-smigħ tal-appell (15 ta' Frar 2021) irriżulta li ma sarx id-depożitu tal-garanzija għall-ispejjeż.

2. L-ewwel punt li l-Qorti ser tikkunsidra hu dwar jekk l-appellanti kollha ġewx notifikati bl-avviż tal-kawtela. Hu fatt li fir-rikors tal-appell għal kull wieħed mill-erba' appellanti ingħata indirizz (ara fol. 723). Madankollu fuq il-folder tal-istess rikors tal-appell, li jiġi ppreżentat mar-rikors tal-appell, inkiteb: *"Saviour Casha et, Car Rentals Ltd, Fliegu Str., San Pawl il-Baħar"*. Għalhekk evidenti li kienu l-appellanti stess li ddikjaraw fejn għandha ssir in-notifika lilhom. Fil-fatt jirriżulta wkoll li dakinhar li l-appellanti ppreżentaw l-appell, ħallsu lir-Reġistratur spejjeż għan-notifika ta' disa' persuni biss. Tmienja minnhom m'humiex appellanti (ara ismijiet u dettalji tagħhom fuq il-folder taħt il-kelma *'Notifiki'*) filwaqt li l-ieħor hu Saviour Casha. Il-ħlas li sar fir-rigward ta' *'Saviour Casha et'* ovvjament sar b'referenza għan-notifika tal-avviż ta' kawtela u avviż ta' smigħ li jsiru kontestwalment.

3. Għaldaqstant, meta saret in-notifika lil Saviour Casha fid-29 ta' Jannar 2021, l-appellanti kollha kienu debitament notifikati bl-avviż ta' smigħ u avviż ta' kawtela.

4. Pero` il-Qorti ma tistax tieqaf hemm u tiddikjara l-appell deżert skont l-Art. 249 tal-Kap. 12 u dan meta tikkunsidra r-rikors tal-appellant Casha tat-2 ta' Frar 2021.

5. Hu r-Reġistratur li jiddetermina l-ammont li għandu jitħallas bħala garanzija għall-ispejjeż tal-appell. Dan sar u wara li l-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ għas-seduta tal-15 ta' Frar 2021, ħareġ l-avviż ta' kawtela li ġie notifikat fid-29 ta' Jannar 2021.

6. M'hemmx kontestazzjoni li dan hu każ li għalih japplikaw l-Art. 209 u 249 tal-Kap. 12.

7. B'applikazzjoni tal-Art. 249(1) tal-Kap. 12 il-garanzija għall-ispejjeż kellha tiġi depożitata mhux iktar tard minn jumejn qabel id-data appuntata għas-smigħ. F'dan il-każ ma sarx dak id-depożitu.

8. Imbagħad l-Art. 209 tal-Kap. 12 jipprovdi li:

> *"(1) Fil-Qorti tal-Appell, jekk meta tissejjaħ il-kawża, jinstab li ma tkunx saret il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża kifprovdut fl-artikolu 249, il-qorti għandha minnufih tgħaddi biex tiddikjara l-appell deżert".*

9. Dik l-istess disposizzjoni tipprovdi li l-qorti tista' tagħti żmien qasir sabiex l-appellant iġib il-garanzija għall-ispejjeż f'każ li l-appell ikollu jinstema' b'urġenza, jew jekk ir-reġistratur ma jkunx:

> *"(a) stabbilixxa s-somma li għandha titħallas bħala garanzija; u*

> *"(b) innotifika lill-appellant b'dan filwaqt li jgħarrfu b'dak l-avviż x'jista' jiġrilu fil-każ ta' nuqqas minn naħa tiegħu, u dan mill-inqas għaxart ijiem qabel is-smigħ tal-kawża".*

10. Fil-każ in eżami ma teżistix waħda miċ-ċirkostanzi li fihom din il-Qorti tista' skont l-Art. 209 tal-Kap. 12 tagħti żmien qasir lill-appellant sabiex jiddepożita l-garanzija. Pero` hemm kawża ta' ritassa li fiha l-atturi appellati qegħdin jikkontestaw it-taxxa li ħareġ ir-Reġistratur wara s-sentenza appellata. Ovvjament kawża li jekk ikollha eżitu pożittiv, iwassal għat-tnaqqis tat-taxxa. Tnaqqis li suppost imbagħad jirrifletti ruħu wkoll fit-taxxa tal-proċeduri tal-appell. Dan peress li hu evidenti li f'dan il-każ ir-Reġistratur ibbaża l-kalkolu tiegħu għall-finijiet ta' depożitu tal-garanzija tal-ispejjeż tal-appell, fuq it-taxxa li saret fir-rigward tas-sentenza tal-ewwel Qorti u żied terz (1/3) mad-drittijiet tar-Reġistru, Dritt ta' Avukat u Prokuratur Legali.

11. Is-somma li ffissa r-Reġistratur bħala kawtela li għandhom jagħtu l-appellanti ġiet daqstant għolja għaliex il-kalkolu sar fuq danni ta' €642,809.32 (li fihom hemm inkluż penali ta' €310,250 kalkulati fuq perjodu ta' sbatax-il sena). Dan hu evidentement żball meta tqis li:

i. M'hemm l-ebda appell mill-kap tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni (talbiet 9.2, 9.3 u 9.4). Għalhekk dik il-parti tas-sentenza hi ġudikat u għall-finijiet ta' kawtela ma kellhiex tittieħed in

konsiderazzjoni is-somma kapitali li fuqha r-Reġistratur ikkalkola d-danni għall-finijiet ta' dawk it-talbiet.

ii. Mis-sentenza tal-ewwel Qorti l-penali ta' ħamsin euro (€50) kuljum tkun dovuta jekk dawk il-konvenuti li llum huma appellanti, fi żmien xahar mis-sentenza ma jpoġġux lill-atturi fil-pussess tal-appartament li kien mikri lilhom. Is-sentenza tal-ewwel Qorti ingħatat fis-27 ta' Frar 2020, ċioe` ftit iktar minn sena ilu. Ir-Reġistratur ikkalkola l-penali fuq perjodu ta' sbatax-il sena li jfisser li jinkludi żmien ta' kemm damet pendenti l-kawża quddiem l-ewwel Qorti. Dan meta s-sentenza tal-ewwel qorti hi ċara li l-penali jiddekorru wara xahar mid-data tas-sentenza. Għalhekk ir-Reġistratur ma kellux jibbaża l-kalkoli fuq perjodu ta' sbatax-il sena, imma fuq perjodu ferm iktar raġonevoli.

12. Għalkemm l-appellanti ma ppreżentawx rikors *ad hoc* sabiex jikkontestaw l-ammont li iffissa r-Reġistratur bħala depożitu għall-ispejjeż tal-appell, ir-rikors tat-2 ta' Frar 2021 jista' fih innifsu jitqies bħala oġġezzjoni. Dan apparti li l-Qorti ma tistax tippermetti li żball bħal dan li ħa r-Reġistratur iwassal għall-konsegwenza li l-appellanti jitilfu l-opportunita` li din il-Qorti tikkunsidra l-appell tagħhom fil-meritu. Dan meta fil-każ in eżami skont ir-Reġistratur is-somma li għandha tiġi depożitata hi ta' tlieta u tletin elf ħames mija u erba' u sittin euro u ħamsa

u erbgħin ċenteżmu (€33,564.45) filwaqt li kif rajna għandha tkun ferm inqas.

13. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet ma tarax li hemm ħtiega li tistenna l-eżitu tal-kawża ta' ritassa numru 504/2020 u għalhekk tiċħad ukoll it-talba tal-appellanti magħmula bir-rikors tat-2 ta' Frar 2021 ġialadarba b'dan il-provvediment il-Qorti qalet kif għandu jipproċedi r-Reġistratur.

Għal dawn il-motivi tiddikjara li l-appell tal-appellanti m'huwiex deżert u tordna lir-Reġistratur sabiex jerġa' jikkalkola mill-ġdid is-somma li l-appellanti għandhom jiddepożitaw bħala garanzija għall-ispejjeż tal-appell u jerġa' jinnotifika lill-appellanti bl-avviż tal-kawtela a spejjeż tiegħu.

Spejjeż ta' dan il-provvediment jibqgħu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr